MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 154/2003

**Cons (Trading) Limited**

**vs**

**Mariella Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta’ Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u tlieta u disghin lira Maltin u centezmu (Lm193.01) rappresentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilha.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali datata 3 ta’ Dicembru 1999 u ta’l-ittra bonarja datata 5 ta’ Novembru 2001, flimkien ma’l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Patricia Coleiro ghan-nom tas-socjeta attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tlieta u disghin lira Maltin u centezmu (Lm193.01), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Dicembru 1999 u tal-ittra bonarja datata 5 ta' Novembru 2001 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------